# SOLiDarity

**for public service employees engaged in social solidarity**

**MINISTRY FOR THE FAMILY**
**CHILDREN'S RIGHTS**
**& SOCIAL SOLIDARITY**
**MALTA**



# 16

**SPRING**
**2019**

Ministry for the Family, Children's Rights & Social Solidarity

Parliamentary Secretary for Persons with Disability & Active Ageing

Parliamentary Secretary for Social Accommodation

Office of the Permanent Secretary

Aġenzija SAPPORT

Benefits Compliance Directorate

Commissioner for Children

Commissioner for Older Persons

Commission for the Rights of Persons with Disability

Department for Active Ageing and Community Care

Department of Social Security

Directorate Corporate Services

Directorate General Social Policy

Directorate Operations

Financial Governance Directorate

Foundation for Social Welfare Services

Malta Housing Authority

Policy Development and Programme Implementation Directorate

Social Care Standards Authority

SOLIDarity

for public service employees engaged in social solidarity

All correspondence is to be mailed to
peter.miceli-saydon@gov.mt

# Editorjal




MFCS CHRISTMAS SALE 2018

| | | |
|---|---|---|
| Sales (poinsettias, honey rings, mince pies & lottery tickets) | | €895.00 |
| Plastic & paper bags | €20.30 | |
| Hamper | €23.00 | |
| Helpers appreciation gifts | €58.74 | |
| Poinsettias | €475.00 | |
| Honey rings & mince pies | €99.15 | |
| | €676.19 | |
| | | €218.81 |
| Donations | | |
| National Focal Point for Drugs & Drugs Addiction | €42.00 | |
| Pensions | €35.00 | |
| MFCS | €25.00 | |
| DAMP | €24.00 | |
| IRU | €26.00 | |
| Qawra District Office | €9.00 | |
| Żurrieq, Valletta, Qormi & Paola District Offices | €66.00 | |
| Donation box | €45 | |
| | | €272.00 |
| Balance | | €490.81 |

Ninsab ċert li xi darba jew oħra kulħadd qara jew sema' xi forma ta' avviż dwar l-importanza li jingħata d-demm. Madankollu jista' jkun ukoll li mhux kulħadd huwa konxju daqskemm għandu jkun dwar din l-istess importanza. Ma tista' tasal imkien aktar milli tgħid li borża demm tista' tkun il-fattur determinanti fuq jekk persuna tkomplix għaddejja b'ħajjitha jew le. Tali persuna tista' tkun tarbija tat-twelid, tista' tkun omm li waslet biex twelled, tista' tkun persuna li se tiddaħħal għal operazzjoni maġġura. Tali importanza tapplika f'kull każ, irrelevanti mill-età tal-persuna inkwistjoni.
Għotja demm hija att ta' ġenerożità. Fl-opinjoni tiegħi l-akbar att ta' ġenerożità li wieħed jista' jagħmel. Att ta' ġenerożità li fih hemm rifless is-sens ta' solidarjetà li għandu jkun hemm bejn u lejn kull wieħed u waħda minna. Għall-grazzja t'Alla ma nistgħux ingergru dwar dan. Il-poplu Malti u Għawdxi jagħti aktar minn prova waħda ta' kemm hu ġeneruż u solidali kull meta jinqala' l-bżonn. Madankollu xorta nemmen li fejn jidħol l-għoti tad-demm għad hemm lok sewwa fejn nuru aktar ġenerożità, fejn nuru aktar solidarjetà.
Ftakar li jista' jkun hemm ġurnata fejn INT tkun teħtieġ id-demm. Kuraġġ, m'hemm xejn minn xiex tibża, kif ikollok iċ-ċans mur agħti d-demm. Il-Bank tad-Demm fi Gwardamanġa jkun miftuħ kuljum. Il-Ministeru tagħna, permezz tal-*Communications & Events Unit* jorganizza għotja tad-demm erba' darbiet fis-sena. Li jmiss hija fit-3 ta' Mejju li ġej.

Peter Miceli Saydon
Editur



# Getting Off the Beaten Track with Marvic

**JAPANESE CHERRY BLOSSOM**

The Japanese Cherry Blossom, or Sakura, has long been adored by people across the globe. It is regarded as a symbol of renewal, vitality, and beauty. During the spring season of each year, thousands travel to Japan to view the amazing spectacle of these white or pink flowers blooming en masse.

Sakura is Japan's unofficial national flower. It has been celebrated for many centuries and holds a very prominent position in Japanese culture. There are many dozens of different cherry tree varieties in Japan, most of which bloom for just a couple of days in spring. The seasonal spectacle is celebrated with hanami (cherry blossom viewing) parties under the trees.

Hanami is one of Japan's most ancient festivals, but it's celebrated as enthusiastically today as ever. Hanami literally means 'flower viewing', but in practice it usually refers to picnicking in the vicinity of cherry blossoms. This might not sound anything special, but the coming of the blossoms signifies the start of spring, and is much anticipated in Japan. Excitement starts to build in the weeks before the flowers bloom, as plans are made for parties welcoming their arrival.

Hanami has its origins in the eighth century, and originally focused on plum blossoms, which bloom slightly earlier. The focus switched to cherry blossoms during the ninth century reign of Emperor Saga, who held flower-viewing parties under the cherry blossom trees of the imperial court in Kyoto. At these early celebrations, aristocrats wrote and recited poems about the blossoms, and took pleasure in their beauty. Hanami gradually spread from the court elite to the samurai, and eventually to the common people. Nowadays almost everyone in Japan eagerly looks forward to the coming of the cherry blossoms.

Many parks are lit with paper lanterns during the cherry blossom season, and the festivities often continue until late at night. Hanami parties can include singing and dancing, and sometimes turn into raucous drunken affairs. A kind of rice cake called 'sakura mochi' is made especially for hanami parties. It contains red bean paste, and is wrapped in a leaf from a cherry blossom tree. The exact recipe used varies from one part of Japan to another, but the leaves are pickled in salt water, which when combined with the cake itself, results in a very unique flavour.

The special attention paid to cherry blossoms is often attributed to their fragility and short lifespan. They're seen as an analogy for human life, reminding us of our human vulnerability and encouraging us to make the most of our short lives.

Marvic Cordina
Boutique Travel Specialist
www.traville.net

As a Boutique Travel Specialist, I specialize in personalized itineraries and private small groups to destinations across Asia, Latin America, Southern Africa and Eastern Africa. For more details you can contact me at marvic.cordina@traville.net



# Messaġġ tas-Segretarju Permanenti



L-impenn tal-Ministeru jmur lil hinn mill-ħolqien, tisħiħ u titjib ta' benefiċċji u skemi soċjali. Iħabbrek ukoll biex l-eluf ta' benefiċjarji u ta' oħrajn li jiġu bżonn is-servizzi offruti mid-dipartimenti u entitajiet fi ħdan il-ministeru jkunu moqdija bl-aħjar mod possibli u mingħajr xkiel.

Inutli li jkollok qafas mill-aqwa ta' protezzjoni soċjali jekk din l-assistenza ma tasalx kif jixraq u fil-ħin għand min jiġi bżonnha. F'dan is-servizz id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għandu rwol importanti permezz tal-uffiċini distrettwali tiegħu mxerrda f'24 lokalità f'Malta u Għawdex, minbarra li jagħti servizz minn numru ta' Kunsilli Lokali. Hija fil-fatt il-missjoni tad-dipartiment li jwassal kull għajnuna soċjali lill-pubbliku skont il-ħtieġa ta' kull membru ta' familja, mit-twelid sal-mewt.

Pjattaforma diġitali

Biex jimxi maż-żminijiet, dan is-servizz llum il-ġurnata huwa offrut ukoll permezz ta' pjattaforma diġitali li tagħti tagħrif ġenerali bil-Malti u bl-Ingliż dwar benefiċċji u servizzi disponibbli, kif ukoll tipprovdi l-opportunità biex b'mod faċli permezz ta' kalkulatur wieħed jieħu stima tar-rata ta' benefiċċju li wieħed jista' jkun intitolat għalih.

Fuq l-istess pjattaforma wieħed jista' japplika *on-line* għal diversi servizzi u benefiċċji. Dan l-iżvilupp sar bħala parti minn programm ta' simplifikazzjoni li kull sena jvara tibdil intiż biex benefiċjarji jkunu jistgħu jinqdew mill-kumdità ta' darhom. Għal din is-sena dan il-programm qed jaħseb biex tinħoloq sistema biex min jimrad ikun jista' jibgħat kopja skenjata taċ-ċertifikat tal-mard kif ukoll biex bi proċess awtomatiku benefiċjarji tal-Assistenza għal Diżabilità Severa jew Assistenza għall-Pensjoni b'Vista Batuta tiżdidilhom ir-rata ekwivalenti għal Pensjoni tal-Età meta jsiru eliġibbli għaliha mingħajr il-bżonn li japplikaw għaliha.

Biex innaqqsu l-iskariġġ, aktar tard din is-sena ser nintroduċu sistema li biha ser titneħħa l-proċedura li persuna jkollha tidher quddiem bord mediku biex jigi estiż il-benefiċċju tal-mard kemm-il darba l-persuna tkun diġà dehret quddiem bord ieħor għall-istess raġuni.

Fl-istess waqt għaddejja ħidma biex jiġu introdotti sistemi ġodda fl-amministrazzjoni interna bil-għan li jkun hemm effiċjenza aqwa fit-tħaddim tal-pensjonijiet tas-servizz u biex jitnieda proċess awtomatiku biex mhux biss jitwaqqfu pagamenti ta'pensjonijiet hekk kif tidħol id-data tal-mewt ta' persuna fis-sistema tad-dipartiment imma jinħadmu wkoll l-aġġustamenti meħtieġa b'mod awtomatiku. Xogħol ieħor importanti qed isir fil-Faċilità għall-Kura fit-Tul San Vinċenż de Paule, biex jiġu aġġornati sistemi interni, inkluż dawk li jolqtu talbiet għall-konsultazzjoni medika u l-ġbir ta' informazzjoni dwar proċessi u proċeduri mediċi.

Ċentru Servizz Familja

Bla dubju, iżda, l-aqwa pass din is-sena fil-ħidma biex inkunu qrib iċ-ċittadin huwa l-ftuħ taċ-Ċentru Servizz Familja fil-Furjana, viċin is-servizz ta' parkeġġ tal-*Park and Ride*. Taħt saqaf wieħed u f'kollaborazzjoni ma' servizz.gov, iċ-ċentru jiġbor fih aġenti li qed joffru servizz f'isem id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, id-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, Sapport u l-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, kif ukoll l-Awtorità tad-Djar u appuntu s-servizz.gov.  B'dan il-mod innovattiv qed nagħtu servizz aktar ħolistiku biex naqdu kull ħtieġa taħt il-kappa soċjali u anke aktar minn hekk bl-għajnuna ta' servizz.gov.

Biex nagħti eżempju, persuna b'diżabilità jew familjari tiegħu jew tagħha li jfittxu għajnuna sal-lum kellhom jirrikorru f'diversi uffiċini – għand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għal benefiċċji tad-Diżabilità, l-Aġenżija Sapport għall-għajnuna oħra, il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità għal pariri dwar id-drittijiet tagħhom u biex japplikaw għal *blue badge* u l-Awtorità tad-Djar biex isiru jafu x'għajnuna jista' jkollhom biex jirranġaw l-akkommodazzjoni tagħhom. Bis-saħħa ta' dan iċ-Ċentru dan l-iskariġġ u dewmien inqata' għaliex min imur ser ikun jista' jiġbor it-tagħrif meħtieġ u japplika għas-servizzi, għajnuna u benefiċċji li jkunu intitolati għalihom fl-istess post.   Permezz tas-sistemi mħaddma minn servizz.gov ser jiġi assigurat li l-proċess tal-applikazzjonijiet li jkunu saru, jimxu, jiġu monitorjati u jitwettqu fil-ħin.
Aktar 'il quddiem iċ-Ċentru se jkun ukoll qed joffri sistema ta' profilar ta' dawk li jfittxu s-servizzi tiegħu sabiex l-utent jingħata tagħrif dwar id-drittijiet soċjali kollha tiegħu b'mod pro-attiv u mingħajr skariġġ żejjed.

Inħossni tassew kburi li flimkien mas-Segretarju Permanenti Ewlieni tajna bidu għal dan il-proġett ambizzjuz li għandu jservi bħala għajn ewlenija ta' servizz ta' kwalità mill-aqwa għal kull xorta ta' ħtieġa soċjali. Iċ-Ċentru fetaħ il-bibien tiegħu b'mod informali f'nofs Frar biex l-impjegati jibdew b'mod gradwali jdawru r-rota u jidraw il-proċessi meħtieġa, sakemm f'Marzu isir il-ftuħ uffiċjali mill-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Soliderjetà Soċjali u s-Segretarju Permanenti Ewlieni u s-servizz jibda jingħata b'mod sħiħ.

*Palazzo Ferreria*

Ma nistax ma nagħlaqx dan il-messaġġ tiegħi jekk ma niktibx dwar *Palazzo Ferreria*, il-bini maestuż li tant huwa għal qalbi u li fih issa ili 32 sena naħdem.  Ċertament ir-restawr ta' *Palazzo Ferreria* ta dimensjoni oħra u kompla sebbaħ id-daħla tal-Belt Valletta.  Il-palazz sar attrazzjoni kemm għall-Maltin u l-barranin u ta' sikwit wieħed jara turisti jieħdu ritratti tal-faċċata għall-album taż-żjara tagħhom.   Fil-ġimgħat li ġejjin il-faċċata ser tkun tista' titgawda matul il-lejl ukoll għaliex ser tkun imdawla b'sistema moderna ta' dwal li jekk kollox imur skont il-pjan ser tibda titħaddem sa tlett xhur oħra. Sadattant ix-xogħol ta' restawr qed jitkompla fuq in-naħa ta' Triq Nofsinhar u mistenni jispiċċa matul din is-sena, biex aktar 'il quddiem jissokta x-xogħol fuq il-kumplament ta' Triq l-Ordinanza u l-proġett jintemm is-sena d-dieħla bil-parti ta' Triq id-Dejqa.

Mark Musù
Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali



HAPPY EASTER
TO ALL
ZOLID arity
READERS

# Pen to paper

**Wake up energised!! Kick the morning with Energy**

We are living a hectic life. Our daily routine stress us out. Our lives are based on routines. Waking up in the morning, having breakfast, preparing for work or getting ready your kids for school. We head to work, spending time in traffic and when you arrive, you start your work day. Work, take most of our time and it makes our minds focus on how to give the 100% to our employer. Our mind thinks on our duties and this allows little time to think about the other things. When the time arrives then we head back home, facing family situations that cropped up during the day. Having dinner and back to bed. Tomorrow will surely be the same routine. This is mostly, the lives that we are living. I am not generalising but the majority of people, live this kind of life. This, will become our comfort zone, which once into it, it will be difficult to stand out of it.

Some days, we wake up bored, sad and at times even tired. Morning, is the most important timing of our days. It is important that as soon as you stand out of bed you immediately, find a couple of minutes to start thinking about all the things that you are grateful for. Have you ever thought how blessed you are to have a bed, to have blankets / quilt, to have clothes, to have water to wash your teeth, to have enough money to buy food and cleaning stuff. We take things for granted and we do not appreciate enough how blessed we are to have such stuff. It is really important that when you wake up, you ask yourself do you want to be happy. Being happy is a choice you have to make. If you say to yourself, as you wake up that you are happy and that you are going to have a great day, then your day will turn to be a positive one. Some mentors say - Win the morning and you win the day. The first few minutes, as you wake up are really important as it is the moment when you enter into consciousness. This will be the moment where creativity will be at its most powerful. Find time, to look in mirror




and to say to yourself – I love you, I am a great person, I am a positive person, this is my day, this will be an amazing day, something thing good is coming my way, I am excited about my future. Right there and then, you have the opportunity to stir your thoughts and your emotions in the direction you want them to go and not in the direction that are telling you to go, in other words you can literally choose to seize the day or let the day seize you.

Do this every single day, until it becomes a daily habit – after a period of time you will see great changes in your life. Once, I came across this phrase which I kept in my mind and it says "if you want change to happen, it is you who has to change".

This is just a short message about the importance of mornings. Every morning is a new page in our life. What has passed is past. We cannot change the past. The past is used as a reference, to refer to it when we need. The past is our experience. We only live the moment and we are not in control of our future, so live the day the best you can. Make sure that you live a happy life as life is too short – live it!

Hope you enjoyed reading this article, and if so, please follow my articles to come, in future issues.

Archibald Attard
Events & Communications Unit
Directorate Operations

# Sinjur u ma nafx

Tonio Bonello (Ġurnalist u Opinjonist)

Allaħares l-ittri elettroniċi li nirċievi ta' kuljum kellhom jgħaddu għandi fil-mod tradizzjonali bil-pustier. Li kieku, dan mhux basket iġorr iżda bagalja bħal tas-safar!
Grazzi għat-teknoloġija. Grazzi għal ħsieb u l-kreattività ta' bosta mħuħ fid-dinja, illum nirċievu u nibagħtu l-posta minn fuq mezzi ta' teknoloġija, bla m'għandna għalfejn imorru mkien, bla ebda ħlas ta' xejn, u fuq kollox, dak il-ħin stess.
Bħal f'kollox hemm it-tajjeb u l-ħażin. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi. Fost dawn, li xi drabi, tagħmel kemm tagħmel protezzjoni u kontrolli, xorta jibqa' lok li int tirċievi korrispondenzi frivoli, inkella ta' provokazzjoni, jew saħansitra li jistgħu jibdlulek ħajtek. Mhux għall-aħjar żgur!
Dan l-aħħar irċivejt waħda minn dawn. E-mail mingħand ċertu John Geoffrey, nikkwota kif ġej. "Dear Mr. Bonello, I am Barrister John Geoffrey from Lome Togo West Africa. Please kindly contact me on my private e-mail; john.geoffrey@andex.com. There is an important issue I need to discuss with you concerning my late client Mr. Michael Bonello, a national of your country unclaimed fund (USD 11.5 Million). I wait for your respond, John Geoffrey +228 913 003 43."
Ovvjament minkejja li sirt naf li "stajt" sirt miljunarju fi ftit sekondi lanqas biss indenjajt ruħi nerġa' naqra li kont qrajt, aħseb u ara li nagħmel kuntatt. Żammejt din biss f'kuntest ta' referenza biex nitkellem dwarha magħkom.
Mela dan għoġbu jiktibli minn reġjun jismu Lome li jinstab ġewwa Togo fl-Afrika. Kif jafni ma nafx għax ironikament, lanqas il-ġirien li joqogħdu eżatt ħdejna ma jafuni!...
Biex tidher qrib is-sewwa dan John Geoffrey isemmi l-isem li fil-fatt hu ta' missieri.
Interessanti li l-għażiż mibki missieri miskin kien sempliċi pulizija li, li kieku mhux għall-għaqal tiegħu u tal-għażiża ommi li għadha mimlija bl-għomor, bil-kemm kien ikollna biex ngħaddu fil-ħajja ta' kuljum għax għażlu li lili u lil ħuti jtuna l-aqwa edukazzjoni dak iż-żmien, fil-kulleġġi!
Missieri qatt ma siefer imkien għajr f'żewġt okkażjonijiet, darba fi tfulitu sa Ruma u l-aħħar darba proprju ftit qabel ħalliena meta mar biss ftit jiem ma' ommi għal btala t-Tuneżija flimkien ma' grupp!
Fiż-żewġ stanzi, apparti li missieri fit-teknoloġija ma kien jifhem xejn, iżda jekk stess, ma kienet teżisti l-ebda teknoloġija u/jew forma oħra ta' kuntatt kif seta' qatt xi darba missieri seta' b'xi mod qatt għamel kuntatt ma' individwi u/jew entitajiet eluf ta' mili bogħod fit-Togo l-Afrika!
Forsi għal uħud minnkom dan kollu hu mill-aktar ovvju. Iżda stenna. Tieħdu xejn daqstant ovvju. U qed nirrakkonta din il-ġrajja proprju għalhekk. Naf personalment b'persuni li letteralment ftaqru, proprju għax irċivew xi messaġġ bħal dan, inkella saħansitra telefonata u dawn, bil-qalb kollha għaddew id-dettalji personali u bankarji tagħhom. Illum, li minnhom hawn mhux ftit, minn ħajja medja jew saħansitra sinjura qed jgħixu fi stat ta' faqar.
Il-problema magħrufa fl-Ingliż bħala 'Digital Divide' hi fenomenu mondjali. F'Malta mhux b'anqas. Agħar mid-'Digital Divide' ngħid jien għandna problema akbar. Dik ta' nuqqas tas-sens komun!
Li kieku jaħasra bniedem janalizza, jagħrbel u jaqra bejn il-linji l-messaġġ li qed jasal għandu, kieku ma jkollniex madwarna tant stejjer ta' qsim il-qalb, xi drabi minn anzjani li, letteralment tilfu kollox! Dak kollu li ħadmu għalih tul ħajjithom kollha!
Għal grazzja t'Alla llum ma jitgħallimx min tassew ma jridx. Għal grazzja t'Alla llum f'pajjiżna għandna l-mezzi, l-awtoritajiet, entitajiet maħsuba apposta biex jiggwidaw u jipproteġu lil dawk l-aktar vulnerabbli f'ċirkostanzi tali.
Għad hawn madwarna persuni li jemmnu li rebħu xi lotterija kbira meta dawn fil-fatt qatt ma jixtru biljett ta' lotterija! Għandna individwi fostna li jistgħu jikkonvinċu rwieħhom li kienu traduti minn dawk l-aktar għeżeż familjari tagħhom f'kuntest ta' wirt li setgħu ħallew, meta dawn jafu li dawn l-istess għeżież għexu u mietu b'ta' fuqhom senduqhom!
Xejn ħażin, forsi, li parti sostanzjali tal-pubbliku jsegwu d-drammi biex jiskopru dejjem intriċċi ġodda. Xejn ħażin, forsi, li ħafna nies ma jitilfux li jsegwu l-aħbarijiet ta' kuljum, biex jaqtgħu l-kurżità inkella sabiex ikollhom fuqhiex ilabalbu l-għada. Iżda, x'hemm ħażin li forsi ssir kampanja ta' edukazzjoni b'saħħitha fil-mezzi kollha tal-istampa u tax-xandir lokali biex aktar stejjer ta' rovina fostna l-Maltin u l-Għawdxin ma jkomplux?...

# Stejjer tan-nies



Carmelo Zammit

Charles Zammit
*Customer Care*
*Contributory Pensions*

Ħafna jafuni mill-kuntatti li jkollna ta' kuljum fuq il-problemi li niltaqgħu magħhom fuq ix-xogħol.
Flimkien nippruvaw nagħmlu ħilitna u l-aħjar tagħna biex insolvuhom għal ġid ta' dawk li jiltaqgħu ma' xi problema.
Hawnhekk però ser taraw naħa oħra tiegħi li jafuha dawk l-aktar viċin tiegħi...oħrajn ma jafux dwarha.
Meta kont għadni żgħir ommi dejjem kien ikollha xi ftit xtieli ta' sukkulenti li kienet tieħu ħsiebhom b'għożża kbira, tindukrahom u xxettel minnhom, ħafna kienu jkunu tal-istess speċi .
Jien naħseb li b'hekk ġejt imdakkar f'dan id-delizzju tant għal qalbi. L-ewwel pjanti li kelli kienu ftit xtieli mir-razza tal-*opuntia*, pal żgħir tal-bajtar. Domt snin dejjem ikolli xi ftit kakti u sukkulenti, imma peress li dejjem għaddej bix-xogħol ftit kien ikolli ħin għalihom.
Darba xtrajt pakketti ta' żrieragħ tal-kakti mħallta, żrajthom u poġġejthom fil-gallarija, post fejn kien hemm nuqqas ta' dawl. Dawn kienu nibtu u bdew jikbru iżda meta darba tellajthom fuq il-bejt bqajt imbellaħ meta rajt id-differenza dwar kif żviluppaw.
B'hekk spiċċajt nixtri żrieragħ aktar uniċi għall-karatteristiċi tagħhom u wkoll għar-rarità.
Bdejt infittex u naqra kotba fuqhom u b'hekk id-delizzju aktar daħal fil-fond u bdejt inżid aktar pjanti.

Kont bdejt inkabbar pjanti li hekk kif jinbtu jkun meħtieġ li jiġu mlaqqma għaliex diffiċli ferm biex wieħed ikabbarhom fuq għeruqhom, kien irnexxieli nlaqqam kakti rari li kull ma kien fihom kien biss tliet millimetri dijametru.
Minn hawn id-delizzju reġa' ħa spinta oħra 'l quddiem, b'xi mod skoprejt l-Għaqda tal – Kakti u Sukkulenti Oħra u dħalt membru.
Hawn bdejt nattendi kull laqgħa li ssir l-ewwel Ħadd tax-xahar. Għalkemm diġà kelli xi naqra esperjenza hawn akkwistajt ħafna informazzjoni minn membri li kellhom esperjenza aktar milli kelli jien.
Imma l-aktar esperjenza li akkwistajt ġiet mill-



iżbalji li għamilt jien stess, tiżbalja, titlef il-pjanti u xorta ma taqtax qalbek. Tara x'ikun il-kaġun, il-post fejn jikbru, klima u t-terren u terġa' tipprova.
Wara ftit snin membru fl-għaqda spiċċajt dħalt fil-kumitat u fis-sotto-kumitat li jorganizza l-wirja. Din issir kull sena lejn l-aħħar t'Ottubru u għaliha jattendu eluf ta' nies.
Nagħlaq billi nsemmi kemm huwa importanti li wieħed ikollu delizzju, speċjalment jekk wieħed ikun f'xogħol stressanti. Dan iservi t'għajnuna kbira psikoloġika għaliex wieħed jaqta' mir-rutina li jkun għaddej fiha u jidħol f'dinja oħra kollha xewk imma fuq kollox kollha fjuri.



# What's going on & coming up

F'Mejju tas-sena li għaddiet, is-Segretarju Permanenti Ewlieni s-Sur Mario Cutajar kien ħabbar f'konferenza tal-aħbarijiet numru ta' *Key Performance Indicators* ġodda għas-Servizz Pubbliku. Fost dawn il-*KPIs* hemm tnejn li jappartjenu lill-Ministeru tagħna. Waħda minnhom tikkonsisti fit-twaqqif ta' *One-Stop Shop Hub* fejn il-Ministeru tagħna joffri s-servizzi ewlenin tiegħu lill-pubbliku taħt saqaf wieħed, però aktar minn hekk, huma mmirat l-aktar għal dawk il-persuni li jkunu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

Dan il-*One-Stop Shop* mhuwiex l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu. Fl-istess konferenza stampa tħabbru t-twaqqif ta' *One-Stop Shops* oħra fosthom wieħed għall-bżonnijiet tal-uffiċjali pubbliċi stess li diġà qed jiffunzjona. Il-*One-Stop Shop* tal-Ministeru tagħna ngħata l-isem ta' ĊENTRU SERVIZZ FAMILJA fejn dan jixhed l-impenn tagħna li nagħtu servizz ta' kwalità lejn il-familja fid-diversi forom tagħha.

Iċ-Ċentru Servizz Familja se jiftaħ il-bibien tiegħu f'Marzu *f'Horn Works Ditch* ġewwa l-Furjana. Ftit taż-żmien ilu, il-lok minn fejn se jopera dan iċ-Ċentru kien jintuza minn *Transport Malta*. Kien jeħtieġ investiment qawwi fil-binja fejn huwa stmat li se jlaħħaq ftit aktar minn €500,000. Ċentru Servizzi Familja se jkun attrezzat biex il-pubbliku jkun moqdi aħjar f'ambjent aċċessibbli, sabiħ u komdu.

Kif diġà ntqal aktar 'il fuq l-għan tal-*One-Stop Shop* huwa biex il-pubbliku jinqeda taħt saqaf wieħed. Fil-verità, il-Ministeru flimkien mal-Aġenzija Servizz.Gov, se jaħdmu id f'id biex jingħata servizz fil-pront u ta' kwalità. L-aġenti tal-Aġenzija Servizz.Gov se jkunu l-ewwel persuni li se jagħtu infomazzjoni jew tweġibiet għall-mistoqsijiet bażiċi tal-klijenti. L-aġenti tal-Ministeru se jkunu hemm biex iwieġbu domandi ta' natura aktar teknika.

Ġew identifikati erba' pilastri jew setturi ta' servizzi li jinkludu l-akkomodazzjoni soċjali, is-sigurtà soċjali, il-ħarsien soċjali u l-kura soċjali. L-aġenti li se jaqdu l-pubbliku nagħtaw taħriġ mifrux fuq tlett xhur. It-taħriġ kien koordinat mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti tal-istess Ministeru. Kull aġent ingħata kors ta' *induction* kif ukoll *workplace orientation* fid-diversi taqsimiet tas-setturi msemmijin hawn fuq. It-taħriġ sar minn numru ta' persuni b'ħafna snin ta' esperjenza ta' kuntatt mal-pubbliku u li jaħdmu fl-entitajiet u d-dipartiment tal-Ministeru.

Fl-istess waqt tfassal *Quality Service Charter* li jinkludu diversi *standards* fl-oqsma tas-servizz bl-enfasi fuq il-kwalità tar-relazzjoni mal-klijent, il-kwalità ta' servizzi offruti kif ukoll it-tul ta' żmien li klijent jista' jiġi moqdi. Apparti dan kollu, il-Ministeru u l-Aġenzija Servizz.Gov flimkien, se jiffirmaw *Service Level Agreement* biex jassiguraw li jintlaħqu l-miri kif se jkunu mniżżlin fil-*Quality Service Charter*.

Kif diġà ntqal aktar f'dan l-artiklu ċ-Ċentru Servizz Familja se jiftaħ il-bibien tiegħu f'Marzu. Il-ħinijiet tal-pubbliku huma konvenjenti u se jkunu mit-Tnejn sas-Sibt mit-8.00 sas-1.00 ta' waranofsinhar kif ukoll l-Erbgħa filgħaxija mill-5.00 sas-7.30 is-sena kollha. Dan kollu qed isir biex jintlaħqu x-xewqat u l-ħtiġiet tal-klijenti tal-Ministeru. Is-suċċess ta' dan iċ-Ċentru jiddipendi biss mill-ħiliet tal-ħaddiema tagħna u fuq kemm aħna lesti li nagħrfu noffru servizz fil-pront u ta' kwalità. Huwa dan l-impenn li se nagħmlu u li rridu nżommu għall-ġejjieni.

Anton Cesare
Direttur
*Directorate Operations*

# Solid Fun

## Sudoku

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1 | 5 | | 2 | | | | |
| 9 | | | 6 | | 1 | 8 | | |
| | | | | | | 5 | | 2 |
| | | | 9 | 8 | | | 5 | |
| | 5 | 1 | 7 | 6 | 4 | 9 | 2 | |
| | 4 | | | 1 | 5 | | | |
| 1 | | 2 | | | | | | |
| | | 6 | 1 | | 8 | | | 5 |
| | | | | 3 | | 7 | 9 | |

## Find the words

ARUM, BEGONIA, BLUEBELL, CARNATION, CLEMATIS, CLOVER, CROCUS, DAFFODIL, DAHLIA, DAISY, FREESIA, GARDENIA, GHYPSOPHILA, HIBISCUS, IRIS, LAVANDER, LILY, MAGNOLIA, NARCISSUS, ORCHID, PANSY, QUINCE, ROSE, SUNFLOWER , TULIP

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L | Q | U | I | N | C | E | G | A | R | D | E | N | I | A |
| I | M | I | N | L | I | L | Y | I | S | T | R | F | Y | F |
| D | A | H | L | I | A | O | P | I | L | U | T | R | R | T |
| O | A | H | E | F | A | M | S | I | T | A | M | E | L | C |
| F | I | I | L | E | C | R | O | C | U | S | Y | E | C | H |
| F | I | D | S | R | E | N | P | S | M | S | S | S | R | I |
| A | G | O | H | Y | T | S | H | A | N | U | D | I | S | N |
| D | R | O | C | I | A | C | I | L | S | O | R | A | R | O |
| B | L | U | E | B | E | L | L | L | I | D | A | A | R | I |
| I | B | E | G | O | N | I | A | O | R | C | H | I | D | T |
| T | S | U | C | S | I | B | I | H | V | Y | P | E | T | A |
| E | R | A | I | L | O | N | G | A | M | E | M | I | C | N |
| E | L | I | S | L | A | V | A | N | D | E | R | A | Y | R |
| N | A | R | C | I | S | S | U | S | P | A | N | S | Y | A |
| D | O | N | X | Z | R | E | W | O | L | F | N | U | S | C |



## Clowns

Why don't sharks eat clowns? They taste funny.

## April




Why are people always tired in April? Because they just finished a march.

## Easter Eggs



What day does an Easter egg hate the most? Fry-days.

## Letter A

Why is the letter A like a flower? A bee comes after it!

# ZEPPOLE DI SAN GIUSEPPE

Ingredients

150 ml water
100 grams butter
pinch of salt
150 grams flour
5 medium sized eggs
*crema pasticcera*
sour black cherries in syrup
icing sugar

Method

Put in a pan the water, butter and salt, one at a time. Bring over heat. Slowly add the flour, a little at a time, incorporating into the mixture. Keep mixing until it forms a ball of dough.
Remove from the heat and let cool.
Add the eggs one at a time, each time incorporating fully with the mixture.
Line a shallow tin with *cartaforno*.
Put the mixture into a *sacapoche* and form little O shapes on the paper.
Bake for the first 15minutes at around 200 degrees C. Then lower the flame to 190 degrees for a further 10 minutes. Let cool in the oven, leaving the over door ajar.
Fill in the hollow of the *zeppole* with *crema pasticcera*, again using a *sacapoche*.
Place a cherry on top of each *zeppola*.
Sprinkle with icing sugar.
This is a traditional sweet usually prepared for the feast of Saint Joseph which falls on the 19th of March every year.

